Ikklikkja hawn biex issir fan tal-paġna FACEBOOK tal-KNK

Folju ta' Aħbarijiet
il-kunsill nazzjonali tal-ktieb

Riżultati tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Kotba ppubblikati fis-sena 2008

Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Kotba ppubblikati fis-sena 2008 saret il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2010, fil-Berġa ta' Kastilja taħt il-patroċinju tal-Onor. Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport Dolores Cristina.

Ir-rebbieħa kienu kif ġej:

Proża Letterarja: Novelli u Rumanzi bil-Malti
Ġurija: Josette Attard, Norbert Ellul Vincenti, Pierre J. Mejlak

L-Ewwel Premju
Bronk Productions
Javier Vella Sammut (n.d.p), *Xandru Miżżewweġ u Gay*

It-Tieni Premju
Merlin Library Ltd
T. Żahra, *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa*

Proża Letterarja: Novelli u Rumanzi b'Lingwa Oħra
Ġurija: Josette Attard, Norbert Ellul Vincenti, Pierre J. Mejlak

Allied Publications
P. Grech, *Dead End*

Proża mhux fittizja bil-Malti u b'Lingwa Oħra
Ġurija: Sandro Debono, Alfred Ellul Galea, Charles Galea Scanura

L-Ewwel Premju
Klabb Kotba Maltin
O. Friggieri, *Fjuri li ma Jinxfux*

It-Tieni Premju
Merlin Library Ltd
T. Żahra, *Il-Ġenn li jżommni f'Sikkti*

Proża mhux fittizja: Kotba ta' natura reliġjuża bil-Malti u b'Lingwa Oħra
Ġurija: Sandro Debono, Alfred Ellul Galea, Charles Galea Scanura

A. Sammut, *Santa Liena Imperatriċi Awgusta*

Textbooks
Ġurija: Sandro Debono, Alfred Ellul Galea, Charles Galea Scanura

Merlin Library Ltd
M. Debono, *A Miracol Mostrare*,

Poeżija bil-Malti
Ġurija: Mario Azzopardi, Charles Colerio, Lino Spiteri

L-Ewwel Premju
PIN
J. Sciberras, *Ġabra ta' Leġġendi*

It-Tieni Premju
C. Bezzina, *Meta siket il-Baħar*

Riċerka ta' Natura Bijografika u Storika
Ġurija: Joseph M. Brincat, Charles Dalli, Joseph F. Grima

L-Ewwel Premju
PIN
J. Muscat, *Sails Round Malta*

It-Tieni Premju
Gutenberg Press
W. Zammit, *Printing in Malta*

Riċerka Ġenerali bil-Malti u Lingwa Oħra
Ġurija: Joseph M. Brincat, Charles Dalli, Joseph F. Grima

L-Ewwel Premju
Malta University Press
C. Briffa, *Il-Letteratura Maltija*

It-Tieni Premju
Allied Publications
R. Vella, *Cross Currents: Critical essays on Art and Culturein Malta*

Proża Letterarja għat-Tfal
Ġurija: Norman C. Borg, Maria Pace, Pauline Miceli

L-Ewwel Premju
Merlin Library Ltd
C. Azzopardi, *Meta l-Milied ma Ġiex*

It-Tieni Premju
Wise Owl
N. Portelli, *Lilla Mormija Barra*

Proża għall-Adolexxenti
Ġurija: Norman C. Borg, Maria Pace, Pauline Miceli

L-Ewwel Premju
Merlin Library Ltd
S. Bartolo u L. Vella, *Wied Wirdien*

It-Tieni Premju
Merlin Library Ltd
L. Falzon, *Xi Mkien Ieħor*

Proża mhux Fittizja għat-Tfal u l-Adolexxenti
Ġurija: Norman C. Borg, Maria Pace, Pauline Miceli

PIN
A. Sammut, *Il-Fjuri*

Traduzzjonijiet u Kotba B'Lingwa Oħra għat-Tfal u l-Adolexxenti
Ġurija: Norman C. Borg,, Maria Pace, Pauline Miceli

Uptrend Publishing Ltd
F. Attard, *Milly Molly il-Bandli*

Premju għall-Isbaħ Dehra għal ktieb bil-Malti
X'imkien Ieħor, Merlin Library

Premju għall-isbaħ dehra għall-ktieb b'Lingwa oħra
Antique Collecting in Malta, Midsea Books

L-Aħjar Illustratur għall-Kotba għat-Tfal
Ġurija: Norman C. Borg, Maria Pace, Pauline Miceli

Mark Scicluna

Premju Speċjali għat-Traduzzjoni
Ġurija: Clare Vassallo Thake, Ray Fabri, Marco Galea

Klabb Kotba Maltin
Victor Fenech *Il-Profeta*

Premju għall-Kreattivia mogħti mill-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport

Adrian Grima u Immanuel Mifsud, *Riħ min-Nofsinhar.*

Premju Speċjali għall-Persuna li tat l-Ikbar Kontribut tul ħajjitha fil-Letteratura u l-Pubblikazzjoni
Ġurija: President Emeritus Edward Fenech Adami, Guido Lanfranco, Paul Xuereb

Pawlu Mizzi

Editur: Sergio Grech - Disinn: Ġorġ Mallia - Ritratti: DOI, timesofmalta.com

Is-serata tal-Għoti tal-Premju

Fis-serata tal-Għoti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Dr Ġorġ Mallia, fid-diskors tiegħu semma' kemm tkun ħaġa sabiħa jekk dak l-entużjażmu u l-imħabba lejn il-kotba li kien hemm fis-sala jittieħdu mill-bqija tal-poplu Malti. Dr Mallia kompla billi spjega s-sistema ta' kif il-ġurija taħdem - voldieri kif kull ġurat hu magħżul minn kumitat eżekuttiv magħmul minnu, minn Sergio Grech u Joe Debattista, li l-ebda wieħed minnhom ma għandu konnessjoni mal-Premju. Dr Mallia qal li hu kien iddeċieda li l-ebda ktieb tiegħu ma jista' jieħu sehem fil-premju, biex b'hekk tibqa' dejjem l-imparzjalità. Kull ġurat jevalwa l-kotba individwalment, imbagħad jagħti għadd ta' punti minn mija, u jikteb rapport fuq kull ktieb. Xogħol il-kumitat eżekuttiv tal-premju mbagħad ikun biss li jingħaddu l-punti, u min iġib l-aktar, jirbaħ, jekk ikun qabeż is-sebgħin fil-mija.

Dr Mallia qal li avolja kien hemm din it-trasparenza, u l-ġurati kienu esperti rispettati fil-qasam tagħhom, xorta kien se jkun hemm min jgħid li fil-premju hemm it-tbagħbis, għax diffiċli wieħed jaċċetta li l-ktieb tiegħu jew tagħha mhux l-aħjar minn kulħadd.

Il-President tal-KNK temm billi rringrazzja lill-Prim Ministru talli kien rabat għat-tielet darba l-prestiġju tal-Berġa ta' Kastilja mal-kultura tal-ktieb, u b'hekk kompla jisħaq kemm dan il-qasam hu ta' ġid għall-pajjiż.

F'intervall fil-premjazzjoni, il-KNK fakkar tliet kittieba li ħallewna fl-2009: Dennis Vella, Joe A. Grima, u Pawlu Aquilina. Vince Fabri kkompona kanzunetta mibnija fuq poeżija ta' Pawlu Aquilina, u kantaha wara l-kommemorazzjoni.

Is-serata ntemmet b'diskorsi tal-Onor Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, Dolores Cristina, u tal-Onor Prim Ministru, Lawrence Gonzi.

Diskors Mill-Onor Lawrence Gonzi, Prim Ministru fl-okkażjoni taċ-Ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta – il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar 2010

L-okkażjoni tal-lejla għalija hi okkażjoni ta' ċelebrazzjoni tal-ktieb Malti. Tal-identità tagħna. Flimkien qed niċċelebraw sena oħra ta' pubblikazzjonijiet ... sena oħra ta' kotba ... sena oħra ta' letteratura ... ta' stampar u produzzjoni ... ta' editjar u disinji.

Inħossni onorat inkun magħkom illejla għax nara fikom – pubblikaturi, kittieba, edituri, stampaturi u disinjaturi – importanza kbira. Intom qed iżżommu mhux biss il-ktieb Malti ħaj, iżda – fuq kollox – qed iżżommu ħajja l-identità tagħna bħala poplu. Jgħidu li biex issir taf aktar dwar kittieb m'għandekx taqra l-bijografija jew l-awtobijografija iżda għandek taqra x-xogħlijiet tiegħu. L-istess inħoss li jekk trid issir taf aktar dwar pajjiż ... dwar poplu u l-identità tiegħu, għandek taqra x-xogħlijiet tal-kittieba tiegħu. U minn dawn għandna ħafna. Pajjiżna hu għani b'dak li qed tagħmlu intom u dak li għamlu ta' qabilkom.

Jekk niġbor f'kelma waħda s-sentiment tiegħi lejkom, tkun nammirakom.

Nammira l-ħeġġa tal-pubblikatur Malti, li minkejja s-suq relattivament żgħir ta' pajjiżna, ikompli jinvesti fil-kittieba u d-disinjaturi tiegħu. Kienu bosta l-okkażjonijiet minn meta ltqajna l-aħħar darba hawnhekk ftit aktar minn sena ilu li fihom kelli l-okkażjoni nara l-ktieb Malti iżjed mill-qrib, fosthom meta żort fieri tal-kotba. Nifhem li mhux faċli tkun pubblikatur. Mhux faċli tirrifjuta manuskritti u tagħżel għal dawk magħżula l-aktar pakkett li jkun jixraqilhom. Ta' spiss wieħed isemmi kotba kbar u kittieba kbar li jibqgħu mfakkra iżda qajla pubblikaturi kbar. Wieħed jitkellem dwar il-kotba ta' Dickens iżda ftit jitkellmu dwar min ippubblikahom. U dan jgħodd għall-kittieba kbar kollha. Anke llum. Wieħed jibqa' jsemmi r-rebbieħa tal-Booker Prize u ta' premji oħra kbar iżda l-pubblikatur ta' spiss ma jingħatax il-kredtu li jixraqlu.

Il-pubblikaturi għandhom għażla kbira ta' kotba u riċerki li jistgħu jippubblikaw. Qegħdin ngħixu fi żmien ukoll fejn għandna żgħażagħ li qed jagħmlu xogħlijiet ta' riċerka li imbagħad ftit ikunu jafu bihom. Il-Gvern nieda skemi għall-boroż ta' studju għaż-żgħażagħ tagħna u b'sodisfazzjon ngħid li bbenefikaw madwar 340 student u studenta. Terz minn dawn qegħdin isegwu dottorat. Il-ġimgħa li għaddiet għalqet sejħa oħra għall-boroż ta' studju u intefgħu 180 applikazzjoni. Il-Gvern huwa kommess li jkompli joffri aktar opportunitajiet liż-żgħażagħ Maltin u se terġa' toħroġ skema oħra ta' boroż ta' studju f'Mejju ta' din is-sena. Nixtiequ li aktar minn din ir-riċerka tiġi ppubblikata u tkun font għal studenti u riċerkaturi oħra. Nistedinkom tħarsu aktar lejn dawn ir-riċerki li qed isiru.

Għalkemm aħna pajjiż żgħir għandna ħafna kittieba ħabrieka li kull ftit taż-żmien iġeddu l-appuntament tagħhom mal-qarrejja b'xogħlijiet ġodda. Meta niltaqa' ma' kittieba bħalkom nifhem kemm mhux faċli li tkun kittieb u fl-istess waqt ikollok twettaq xogħol ieħor. Nifhem is-sagrifiċċju tagħkom biex issibu l-ħin li tiddedikawh għall-kitba, konxji mill-importanza tal-ktieb Malti u tal-letteratura tagħna. Okkażjoni bħal tal-lejla naf li timlikom bil-kuraġġ. Iżda nassigurakom li bħal tal-lejla hemm okkażjonijiet oħra. Hemm il-ferħ li jħoss kull qarrej meta f'wieħed mill-kotba tagħkom isib il-wens. Il-ferħ li jħoss kull qarrej meta permezz tal-kotba tagħkom jiftaħ tieqa fuq dinja ġdida. Meta, permezz tagħkom, jgħaddi minn toroq ġodda, jesperjenza emozzjonijiet li qatt ma jkun ħass qabel u jsib f'kitbietkom dinja li fiha jħossu iżjed komdu. Kultant tkun qed taqra ktieb u tgħid, "ara, – qed jgħid eżatt dak li nħoss jien iżda li qatt qabel ma rnexxieli npoġġi fi kliem". U l-kittieb isir ħabib mingħajr ma lanqas biss tkun iltqajt miegħu fil-ħajja. Qed tagħmlu lill-pajjiżna iżjed rikk u tkomplu ssaħħu l-identità tagħna.

Mhux kull kittieb sab pubblikatur. Dawn jistgħu jaħsbu li x-xogħol tagħhom se jibqa' fid-dlam tal-kexxun ta' kamrithom. Kelma ta' kuraġġ. Uħud mill-iżjed nies ta' suċċess fid-dinja kienu l-iżjed nies li ġarrbu l-aktar disfatti. Dan l-aħħar qrajt kif l-ewwel ktieb ta' Harry Potter ta' JK Rowling ġie rifjutat 12-il darba qabel ma ġie ppubblikat. U l-istess japplika għal ħafna kittieba oħrajn, li rnexxew għaliex fehmu li hija d-disfatta l-iżjed esperjenza li tgħallmek u ssawrek ... li turik x'għandek tagħmel differenti d-darba li jmiss.

Mal-kittieba, ma nistax ma nsemmix lill-edituri u r-reviżuri, li jiflu kull kelma u jaraw li dak li jinkiteb joħroġ fil-pubbliku bl-aqwa mod. Huwa xogħol ta' reqqa kbira, li tagħraf l-importanza tiegħu meta jkun nieqes ... meta jkollok ktieb li għal xi raġuni ma jkunx ġie editjat jew rivedut u tħoss li seta' kien aħjar. Illum fil-ktieb qed jieħdu aktar importanza l-illustraturi, li kull ma jmur qed tħaddmu għodod ġodda u toħorġu tabilħaqq b'meravilji. Nieħu gost nara ktieb Malti ħdejn ktieb barrani u ma jirnexxilek tara l-ebda differenza f'dik li hi kwalità tal-prodott. U dan grazzi għalikom il-pubblikaturi, l-illustraturi u d-disinjaturi. Xogħol il-kapaċità tal-ħaddiem Malti. Wara l-ktieb Malti hemm ħafna ħaddiema. Irrid li llum insellem lill-ħaddiema tal-istamperiji tagħna. Lil dawk li jmexxuhom u li qed jinvestu f'makkinarju ġdid biex permezz ta' metodi ġodda ta' ħidma jagħmlu l-ktieb Malti ktieb rikk, f'kull aspett. U lil dawk li jaħdmu fl-istamperiji tagħna ... lil dawk li jaraw il-ktieb fiżiku jieħu l-ħajja quddiem għajnejhom.

Ninnota b'sodisfazzjon il-bosta libreriji ġodda li qed jinfetħu mill-Kunsilli Lokali tagħna, u ż-żieda ta' kotba fil-libreriji tal-iskejjel u l-libreriji pubbliċi, fejn hemm librara li jieħdu ħsieb jikkatalogaw il-kotba tagħna u li jaraw li l-ebda ktieb ma jitgħarraq, jintrema jew jinqered.

U rridu, anke bħala Gvern, li l-ktieb Malti jkompli jinxtered u jieħu l-importanza li jixraqlu. Anki fost it-tfal minn età żgħira. F'Diċembru li għadda ftaħna l-iskola primarja ġdida ta' Pembroke. Ingħatat importanza lil-librerija tal-iskola biex din tkun mgħammra bl-aħjar kotba u toffri l-isbaħ ambjent għat-tfal biex tħajjarhom jimirħu aktar fid-dinja tal-kotba. F'Ottubru, jien flimkien mal-mara tiegħi u l-Ministru Dolores Cristina żorna l-iskola primarja ta' B'Kara. Dħalna f'kamra apposta li tintuża biss bħala *literacy room* fejn it-tfal tal-*kindergarten* qed ikollhom l-opportunità li minn età żgħira jibdew japprezzaw il-ktieb permezz ta' *story telling* u *role plays.* It-tfal huma wkoll imħeġġa jieħdu l-kotba d-dar biex jaqrawomlhom il-ġenituri tagħhom.

Is-sena li għaddiet inxtraw aktar minn 120,000 ktieb għall-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji. Dan ikompli jixhed l-importanza tal-ktieb, minkejja l-era tat-teknoloġija u l-*internet.* Għal din is-sena, qed nallokaw 100,000 ewro għax-xiri ta' kotba ġodda għal-librerija pubblika.

Aħna nemmu fil-potenzjal tagħkom u tal-ekonomija tal-kreattività li intom tagħmlu parti integrali minnha. Il-Gvern jemmen bis-sħiħ li l-kreattività hija essenzjali għall-kompetittività ta' pajjiżna. Dawk il-pajjiżi li kapaċi jiżviluppaw u jsostnu ambjent fejn it-talent kreattiv tal-poplu jkun kultivat huma l-aktar pajjiżi l-aktar kapaċi li jsostnu l-iżvilupp ta' pajjiżhom. Għalhekk fil-baġit għal din is-sena ħabbarna numru ta' inċentivi speċifiċi għad-diversi oqsma f'dan is-settur li jinkludi l-*ICT*, il-*films,* l-arti u d-disinn kif ukoll *performing arts u* l-letteratura. Fost dawn il-benefiċċji se nkunu qed inniedu inċentiv fiskali biex kittieba Maltin isibuha aktar faċli li jippubblikaw ix-xogħlijiet letterarji tagħhom.

Qed naħdmu biex inżidu aktar l-inizjattivi favur il-qari. Filwaqt li qed ngħinu biex il-libreriji tal-lokalitajiet tagħna jkollhom il-fondi biex jixtru iżjed kotba u jħajru iżjed nies jaqraw, irridu naraw li minn din il-miżura l-pubblikatur Malti ma jbatix. Irridu djar tal-pubblikazzjonijiet b'saħħithom għax, fl-aħħar mill-aħħar, huma qegħdin iżommu l-ktieb Malti ħaj. Hemm ħafna x'jista' jsir. Hemm il-komunitajiet kbar ta' Maltin barra minn Malta li għad m'għandhomx aċċess xieraq għall-ktieb Malti. Hemm ostakli żgħar li rridu nibdluhom f'opportunitajiet sabiex il-ktieb Malti jimraħ lil hinn minn pajjiżna u jilħaq udjenzi ġodda.

Waqqafna l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, apposta biex il-ktieb Malti jingħata l-importanza li tixraqlu. Il-Kunsill qed jagħmel ħafna u minn qalbi nifraħlu. Infurmat bil-bosta proġetti li qed jaħdem fuqhom, fosthom biex il-ktieb Malti jkun iżjed preżenti f'wirjiet ta' kotba barra minn Malta.

Hemm bżonn naħdmu iżjed fejn tidħol it-traduzzjoni ta' kotba għall-Malti u mill-Malti. Fondi li l-Unjoni Ewropea għandha għal dan il-għan għandhom jintużaw sabiex jixprunaw iżjed kittieba Maltin jaqilbu x-xogħlijiet tagħhom f'lingwi oħra u jaqilbu x-xogħlijiet ta' kittieba barranin għall-Malti. It-tradutturi tagħna qed jagħmlu l-Malti lingwa iżjed rikka bit-traduzzjoni ta' xogħlijiet kbar barranin. Intom it-tradutturi qed tagħtu lill-poplu tagħna l-possibbiltà sabiħa li jaqra l-klassiċi u l-letteratura barranija kontemporanja b'ilsienna, li jesplora dinjiet ġodda bil-lingwa li għallmuh il-ġenituri tiegħu.

Fid-dinja tal-kotba ma nistax ma nsemmix lill-kritiċi, li għandhom ir-rwol li jagħrblu, li jixprunaw il-kittieba, li jgħinu lill-qarrej jagħżel dak il-ktieb li l-iżjed jolqot il-gosti tiegħu, li jagħżlu t-tajjeb minn dak li hu anqas tajjeb. Mhux faċli tkun kritiku serju f'pajjiż żgħir fejn il-probabbiltà hija li tkun taf lill-kittieb jew lill-pubblikatur personalment. Il-professjonalità tagħkom hija fundamentali.

Il-kritiċi m'għandhomx biċċa xogħol faċli, bħalma nimmaġina li ma kinitx biċċa xogħol faċli għall-ġurija li taqraw tant kotba, probabbli fi żmien limitat, u tagħtu l-ġudizzjoni tagħkom.

Kif qed nagħmlu f'kull settur f'pajjiżna, il-Gvern għandu jkun qrib tagħkom. Qrib il-pubblikatur, qrib il-kittieb, qrib l-illustratur ... qrib dawk kollha involuti biex idea tinbidel fi ktieb. Iżjed milli spalla, irrid li l-Gvern tiegħi jkun alleat tagħkom għax il-mira tagħkom u tal-Gvern, fejn jidħol il-ktieb Malti, hija waħda – li l-ktieb Malti jkompli miexi 'l quddiem u biex il-qarrejja tagħna jibqa' jkollhom l-isbaħ firxa ta' kotba sabiex jgħallmuhom, jiddivertuhom u biex fihom isibu dak kollu li jkunu qed ifittxu.

Fl-aħħarnett, indur fuq il-qarrej ... dak li bil-qari tiegħu jsostni u jappoġġa l-ktieb Malti. Irridu nħajru iżjed qarrejja. Irridu ndaħħlu l-kultura tal-qari kullimkien. Irridu nħajru iżjed qari fuq il-karozzi tal-linja, fil-kafetteriji tagħna, fil-pjazez, il-ġonna u l-bajjiet tagħna. Fuq kollox inħajru iżjed il-qari fid-djar. Tfal li jitrabbew bil-ġenituri tagħhom jaqraw ser jaqbdu ktieb b'idejhom b'mod awtomatiku. Ġenituri li jaqraw lil uliedhom meta dawn tal-aħħar ikunu għadhom ma jafux jaqraw qegħdin jassiguraw li wliedhom jinħabbu mal-kotba sa minn età żgħira. U, fl-aħħarnett, inħajru iżjed familji jibnu l-librerija tagħhom fi djarhom għax kif qal Ċiċerun, dar mingħajr librerija qisha ġisem mingħajr ruħ.

Mill-ġdid, nifirħilkom u nirringrazzjakom tal-impenn tagħkom. Qed twettqu biċċa xogħol mill-aktar importanti fl-iżvilupp ta' pajjiżna u tal-identità tagħna. Ilkoll kemm intom, u pajjiżna jibqa' jafulkom għall-ġenerazzjonijiet sħaħ.

Diskors Mill-Onor Dolores Cristina, Ministru Tal-Edukazzjoni U Kultura, Żgħażagħ U Sport fl-okkażjoni taċ-Ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb til-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta – il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar 2010

Għal ħafna, inkluż jien, il-ktieb hu ħabib li ddur lejh f'diversi ċirkostanzi u waqtiet tul il-vjaġġ tal-ħajja. Hemm min fil-ktieb isib serħan mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Oħrajn ifittxu l-ktieb bħala l-aħħar ħaġa li jagħmlu qabel imorru jorqdu. Għal ħafna il-ktieb hu għodda biex ikabbru l-għerf tagħhom filwaqt li għal uħud u sempliċi mod ta' mogħdija taż-żmien. Hi x'inhi r-raġuni, il-ktieb għandu utilita' kbira f'ħajjitna.

Din hi t-tieni sena li qed nattendi għal din iċ-ċerimonja li fiha nippremjaw lill-awturi u l-pubblikaturi tagħna. Huwa ta' pjaċir kbir għal kull Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura li jkun preżenti għal attivita bħal din li f'dawn l-aħħar snin il-Prim Ministru għoġbu jgħolli l-prestiġju tagħha billi qed jilqana f'Kastilja għal din l-okkażżjoni.

Din l-attivita' qed tiċċelebra l-aqwa kotba li kienu pubblikati fl-2008 u fiha nfisha hi ċertifikat tal-bravura tagħkom l-awturi u l-pubblikaturi. F'okkazjonijiet bħal dawn, jien ma nieqaf qatt nirikonoxxi din l-attivita kollha li għandna f'pajjiżna, li hi sors kulturali ħaj u qawwi.

Dan il-Premju hu speċi ta' kompetizzjoni fejn ir-regoli jitolbu li xi ħadd ikun ippremjat u oħrajn le. Jien kelli l-opportunita' li nara xi ftit minn dawn il-kotba, anki meta jżuruni l-kittieba u l-pubblikaturi, ma nistax ma nikkonkludix li kull ktieb minn dawn li daħal għall-konkors hu rebbieħ. Dejjem jibqa' lejn xiex wieħed jaspira imma bla dubju l-livell għola ħafna. Il-ktieb sar parti mill-kapaċitajiet tagħna bħala poplu ħawtiel.

Grazzi lill-pubblikaturi kuraġġużi tagħna. F'suq żgħir bħal tagħna irid ikollok dan l-attribut biex tagħmel dan ix-xogħol li jinvolvi wkoll ħafna amor propju mhux sempliċi negozju. Nammira l-kuraġġ tagħkom għax dan mhux negozju bi qliegħ garantit. Ilkoll nifhmu kemm dan hu s-settur fraġli u kemm hu żgħir is-suq Malti. Il-barranin mhux darba jew tnejn jiskantaw li aħna kapaċi noħorġu dawn il-kotba kollha kull sena.

Ħarsa ħafifa lejn l-istorja tagħna turi li minkejja ċ-ċokon ta' gżiritna, għandna storja letterarja u storja tal-pubblikazzjoni tabilħaqq interessanti. L-eqdem test, kif nafu, hi l-famuża Kantilena. Minn dakinhar, b'intervalli 'l hawn u 'l hinn, bosta Maltin minn Mikiel Anton Vassalli sa Alfons Maria Galea, u awturi kontemporanji, ħadmu biex il-poplu jkollu x'jaqra u llum qed ngħixu f'din ir-revoluzzjoni impressjonanti fejn fis-suq issib diversi ġeneri ta' kotba kif anki jidher mill-Premju li qed nagħtu l-lum.

Grazzi lill-awturi, grazzi għall-kreattivita' tad-disinjaturi u l-investiment tal-pubblikatur jkun ġust li ngħidu li Malta għandha xena ħabrieka fil-qasam tal-ktieb. Għandna kittieba bi prodott vibranti u ħaj u diversi riċerkaturi li qed jagħtuna kotba mill-isbaħ ta' Melitensia. Irrid nirrikonoxxi l-fatt li f'pajjiż bħal tagħna l-kittieba ma jaħdmux għall-flus. Inkoraġġanti per eżempju, l-ammont ta' kotba ta' poeżiji li ħadu sehem f'dan il-konkors meta nafu li l-poeżija, u dan mhux f'Malta biss, ma tantx hi rispetata.

F'dan il-qasam tinftiehem il-ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li bir-riżorsi limitati tiegħu qed jaħdem biex l-interess fil-qari f'Malta jikber imma wkoll biex flimkien, bħala leġislaturi, pubblikaturi, kittieba u l-kumplament, intejbu din is-sitwazzjoni.

Is-sena d-dieħla l-Kunsill ikun ilu għaxar snin li twaqqaf bħala kunċett. Meta l-Kunsill twaqqaf kien intqal li l-għan tiegħu hu li jkun pjan organiku għall-azzjoni. U naħseb li l-Kunsill dan wettqu. L-eżistenza tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb turi biċ-ċar l-impenn tal-Gvern favur il-ktieb.

Maż-żmien, il-Kunsill ħareġ ukoll mit-termini ta' riferenza dojoq li kellu u qabad truf oħra li jemmen li jistgħu jkunu ta' ġid għall-poplu tagħna. Hu sabiħ li fuq dan il-Kunsill hemm nies li joħolmu u jemmnu fil-kawża tal-ktieb. Matul dawn is-snin kollha tieħu gost tinnota li fuq dan il-Kunsill, servew diversi personiltajiet li jħobbu l-ktieb u fl-aħħar mill-aħħar inħoss li dan il-Kunsill qed iħalli effett bil-preżenza tiegħu fis-soċjeta' tagħna.

Persważa li għad fadal ħafna x'isir f'dan is-settur. Irridu nwasslu l-messaġġ tal-validita' tal-ktieb f'ħajjitna. Irridu nagħtu tabilħaqq dimensjoni lill-letteratura fil-kunċetti ta' identita' bħala Maltin. Irridu noħolqu programmi biex il-ktieb Malti jimxi iżjed. Pakketti għall-pubblikaturi biex is-settur jitjieb. Skambji ma' barra biex nitgħallmu iktar u naqsmu l-esperjenzi.

Sfortunatament illum għad hawn min għadu xi ftit jew wisq xettiku dwar il-ktieb Malti. Għadek issib min jgħidlek li bil-Malti ma jaqrax. Żgur li mhux għax fis-suq m'hawnx kotba bil-Malti tajbin. Ir-raġunijiet huma diversi u llejla mhux il-lok li wieħed jidħol f'dan l-argument, imma naħseb li wasal iż-żmien li ssir kampanja qawwija favur il-ktieb Malti biex dan ikun espost aktar fuq l-ixkafef tal-ħwienet tal-kotba u aktar fl-idejn.

Nemmen li bħali tinsabu entużjasti li l-Gvern fil-baġit ta' din is-sena ivvota s-somma kbira ta' Ewro 100,000 bħala kotba għal-libreriji. Żgur li hu pass importanti biex il-poplu jsib materjal validu u intelliġenti x'jaqra. Inutli ngergru li l-poplu ma jaqrax jekk ma jsibx materjal frisk, attraenti u provokattiv x'jaqra. J'alla dan iservi biex iktar nies jitħajjru jaqraw.

Nagħlaq billi ngħid li nħossni sodisfatta li dan il-Premju jew rikonoxximent qed igawdi l-prestiġju li jixraqlu.

Ejjew ilkoll naħdmu biex għas-snin li ġejjin, il-premju jkompli jservi mhux biss ta' inċentiv għall-kittieba u pubblikaturi imma juri kemm il-ktieb Malti laħaq standards li jħabbtuhom ma' ta' barra u li tassew għandna għaliex inkunu kburin b'dak li qegħdin nipproduċu, iktar u iktar meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-limitazzjonijiet u d-diffikultajiet li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom dawk kollha li qegħdin jagħtu l-kontribut tagħhom għat-tixrid tal-letteratura Maltija.

Nagħlaq billi nawgura li Malta jkollha iktar qarrejja, iktar nies li jixtru l-kotba u fuq kollox iktar kotba sbieħ li jpaxxuna.

Jekk ma tixtieqx tirċievi dan il-folju, ibgħat mejl lil info@ktieb.org.mt u nneħħuk mil-lista